

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13264/25

AGRI 447
AGRIFIN 104
FIN 1119

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 519 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL RAPPORT FINANZJARJU TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI SENA FINANZJARJA 2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 519 final.

Mehmuż: COM(2025) 519 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2025
COM(2025) 519 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**RAPPORT FINANZJARJU TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW
U LILL-KUNSILL DWAR IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U
L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI**

SENA FINANZJARJA 2024

WERREJ

1.	PROĊEDURA BAĠITARJA.....	2
1.1.	Qafas Finanzjarju 2021–2027.....	2
1.2.	Abbozz tal-Baġit tal-2024, Ittra Emendatorja 1/2024 u l-adozzjoni tal-Baġit tal-2024	3
2.	IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT GĦALL-FAEG U L-FAEŻR GĦALL-2024..	4
2.1.	Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).....	4
2.1.1.	Pagamenti ta' kull xahar	4
2.1.2.	It-tnaqqis tal-pagamenti ta' kull xahar.....	4
2.1.3.	Nefqa tal-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni.....	4
2.2.	Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI, European Union Recovery Instrument).....	6
2.2.1.	Pagamenti	7
2.2.2.	Tnaqqis fil-pagamenti.....	7
2.2.3.	Nefqa taħt il-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni.....	7
3.	UŻU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG U TAL-FAEŻR	9
3.1.	Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).....	9
3.2.	Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI).....	10
4.	MIŻURI TA' KONTROLL.....	12
4.1.	Introduzzjoni.....	12
4.2.	Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIK)	12
4.3.	Applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u tal-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2021/2116 (skrutinju tat-tranżazzjonijiet)	13
5.	APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET	13
5.1.	Approvazzjoni tal-konformità	13
5.2.	Approvazzjoni finanzjarja	15
5.3.	Appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra d-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni	16
6.	RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENT U MAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI	17
6.1.	Relazzjonijiet mal-Parlament	17
6.2.	Relazzjonijiet mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri	17

1. PROĊEDURA BAĠITARJA

Il-PAK riformata għall-perjodu 2023–2027 introduċiet approċċ strateġiku u mudell ta' implimentazzjoni ġdid iffukati fuq il-prestazzjoni u r-riżultati. Il-PAK il-ġdida tikkonsolida fil-biċċa l-kbira ż-żewġ fondi eżistenti — il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — taħt il-kappell wieħed tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK li jkopru l-finanzjament għall-appoġġ għall-introjtu, l-iżvilupp rurali u l-appoġġ għal ċerti setturi. Madankollu, għad hemm miżuri tas-suq, li għadhom jiġu implimentati barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK taħt il-PAK il-ġdida. L-2024 kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

1.1. Qafas Finanzjarju 2021–2027

In-nefqa tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija ffinanzjata fil-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021–2027 kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹. B'mod speċifiku, in-nefqa tal-PAK hija parti mil-limitu massimu stabbilit għall-Intestatura 3 — Riżorsi Naturali u Ambjent. F'dak il-limitu massimu globali, ġie stabbilit sublimitu speċifiku għan-nefqa relatata mas-suq u għall-pagamenti diretti ffinanzjati mill-FAEG.

Is-sublimitu tal-FAEG ġie aġġustat wara t-trasferiment ta' ċerti ammonti minn pagamenti diretti għall-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-FAEŻR, kif ukoll it-trasferiment mill-iżvilupp rurali għall-pagamenti diretti. Barra minn hekk, saru xi aġġustamenti fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP fl-2024, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765². Għalhekk, abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128³ li jstabbilixxi l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG u l-emendi sussegwenti tiegħu, l-ammonti tal-PAK inklużi fl-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali (2021–2027) huma:

Tabella 1 *(f'miljuni ta' EUR; prezzijiet kurrenti)*

Intestatura 3*	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Total	55 713,0	53 365,9	53 626,9	53 757,9	53 890,9	54 021,9	54 155,9
li minnhom:							
- Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti, a), b), c), d)	40 368,0	40 638,2	40 692,2	40 602,1	40 528,9	40 541,2	40 495,8
- Żvilupp rurali a), b), c)	15 345,0	12 727,7	12 934,7	13 155,8	13 226,0	13 331,7	13 505,1
Dħul Assenjat Estern	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
NGEU e)	2 387,70	5 682,80					

* Riżorsi Naturali u Ambjent relatati mal-PAK

¹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

² ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

³ ĠU L 40, 4.2.2021, p. 8.

- a) Wara t-trasferimenti annwali mill-FAEG għall-FAEŻR għas-snin finanzjarji 2021–2023 li ammontaw għal EUR 3 463,1 miljun abbażi tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u għas-snin finanzjarji 2024–2027 li ammontaw għal EUR 7 123,8 miljun abbażi tal-Artikolu 103(1)(a) u 103(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- b) Wara t-trasferimenti annwali mill-FAEŻR għall-FAEG għas-snin finanzjarji 2021–2023 li ammontaw għal EUR 1 633,4 miljun abbażi tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u għas-snin finanzjarji 2024–2027 li ammontaw għal 2 360,9 miljun abbażi tal-Artikolu 103(1)(b) u 103(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- c) Wara t-trasferimenti annwali mill-FAEG għall-FAEŻR għas-snin finanzjarji 2021–2023 li ammontaw għal EUR 171,9 miljun abbażi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u għas-snin finanzjarji 2024–2027 li ammontaw għal 20 miljun abbażi tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- d) Wara tnaqqis li jammonta għal EUR 440 miljun għas-snin 2025–2027 wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.
- e) L-Artikolu 58(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

1.2. Abbozz tal-Baġit tal-2024, Ittra Emendatorja 1/2024 u l-adozzjoni tal-Baġit tal-2024

L-Abbozz tal-Baġit inizjali tal-2024 ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea u ġie propost lill-Awtorità Baġitarja fil-5 ta' Lulju 2023. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-Abbozz tal-Baġit tal-2024 fil-5 ta' Settembru 2023. Il-Kummissjoni ppreżentat l-Ittra Emendatorja Nru 1/2024 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2023, filwaqt li l-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fil-18 ta' Ottubru 2023.

Il-President tal-Kunsill laqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-23 ta' Ottubru 2023. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar test konġunt li ġie approvat mill-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2023 u mill-Parlament fl-23 ta' Novembru 2023.

L-approprijazzjonijiet totali ta' impenn tal-baġit ivvutat għall-FAEG kienu jammontaw għal EUR 40 517,3 miljun u l-approprijazzjonijiet ta' pagament tiegħu kienu jammontaw għal EUR 40 505,5 miljun.

L-approprijazzjonijiet totali ta' impenn tal-baġit ivvutat għall-FAEŻR kienu jammontaw għal EUR 13 155,8 miljun u l-approprijazzjonijiet ta' pagament tiegħu kienu jammontaw għal EUR 11 991,9 miljun.

Aktar dettalji dwar l-ammonti relatati mal-Abbozz tal-Baġit tal-Kummissjoni tal-2024 kif ukoll il-pożizzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, l-Ittra Emendatorja u l-Baġit approvat huma pprovduti fl-anness 1.

Fir-rigward tad-dħul assenjat, meta ġie stabbilit il-baġit tal-2024, l-ammont li kien mistenni jinġabar matul is-sena baġitarja 2024 kien stmat għal EUR 400 miljun għall-FAEG u EUR 200 miljun għall-FAEŻR.

L-istima tad-dħul assenjat mill-FAEG tqieset għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà meta l-Awtorità Baġitarja adottat il-baġit tal-2024. Għal dettalji dwar it-tisrif, l-użu u r-riport eventwali tad-dħul assenjat, jekk jogħġbok ikkonsulta l-annessi 2 u 3.

2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAGĦIT GĦALL-FAEG U L-FAEŻR GĦALL-2024

2.1. Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116⁴ jiddikjara li l-pagamenti ta' kull xahar għandhom isiru mill-Kummissjoni għal infiq magħmul mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri matul ix-xahar ta' referenza. Il-pagamenti ta' kull xahar għandhom isiru lil kull Stat Membru mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara dak li fih tkun saret in-nefqa.

Il-pagamenti ta' kull xahar huma rimborż tan-nefqa netta (wara t-tnaqqis tad-dħul) li jkun diġà twettaq u jsiru disponibbli abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri⁵. Il-kontabbiltà ta' kull xahar tal-infiq u tad-dħul hija soġġetta għal kontrolli u għal korrezzjonijiet abbażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet. Barra minn hekk, dawn il-pagamenti jsiru finali wara l-verifiki tal-Kummissjoni skont il-proċedura għall-approvazzjoni tal-kontijiet.

Il-pagamenti li saru mill-Istati Membri mis-16 ta' Ottubru 2023 u sal-15 ta' Ottubru 2024 huma koperti mis-sistema għall-pagamenti ta' kull xahar.

Għas-sena finanzjarja kollha, it-total tal-ammonti deċiżi tal-pagamenti ta' kull xahar kien ta' EUR 40 437,6 miljun. Filwaqt li jitqiesu l-ammonti rkuprati minn deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni, tħallsu effettivament total ta' EUR 40 011,7 miljun lill-Istati Membri.

2.1.1. Pagamenti ta' kull xahar

Il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' pagament għal kull wieħed mit-tnax-il perjodu tas-sena finanzjarja.

Għal dettalji, ara l-anness 4.

2.1.2. It-tnaqqis tal-pagamenti ta' kull xahar

Għal xi miżuri ffinanzjati mill-FAEG, il-limiti finanzjarji huma ddeterminati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Meta jiġi stabbilit abbażi tad-dikjarazzjoni tan-nefqa li dawn il-limiti massimi finanzjarji jkunu nqabżu, jiġi applikat tnaqqis għall-pagamenti ta' kull xahar għall-parti tan-nefqa li taqbeż dawn il-limiti li titqies bħala “nefqa mhux eliġibbli”. Fl-2024, sar tnaqqis ta' ammont nett ta' EUR 5,8-il miljun għall-pagamenti ta' kull xahar li saru lill-Istati Membri b'rabta mal-limiti massimi finanzjarji akbar milli ppjanati.

2.1.3. Nefqa tal-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tagħmel pagamenti taħt il-ġestjoni diretta għal ċerti miżuri. Dawn huma prinċipalment relatati ma' assistenza teknika operazzjonali u miżuri ta' promozzjoni implimentati permezz ta' diversi programmi u azzjonijiet. Għal dettalji, ara t-tabelli 2 u 3. Id-dettalji dwar l-appropriazzjonijiet ivvutati implimentati taħt ġestjoni diretta mill-

⁴ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

⁵ Dawn id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ta' kull xahar jiġu trażmessi mill-Istati Membri sas-7 tax-xahar N+1.

Kummissjoni matul is-sena finanzjarja 2024 għall-infiq operazzjonali u amministrattiv huma ppreżentati fl-annessi 5 u 6.

Tabella 2

(f'EUR; prezzijiet kurrenti)

<i>Assistenza teknika operazzjonali FAEG</i>	
Partita tal-Baġit: 08.020603	
Deskrizzjoni	
Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN)	
Immaġni bis-satellita u xiri tad-data	
Struttura tal-azjendi agrikoli u sħarriġiet agrikoli	
Teknoloġija tal-informazzjoni	
Miżuri ta' informazzjoni tal-PAK	
Komunikazzjoni Korporattiva	
Awditi u kontrolli	
Studji u evalwazzjonijiet	
Total impenjat	146 630 268.57
Total imħallas	120 339 755.99

Tabella 3 (f'EUR; prezzijiet kurrenti)

<i>Promozzjoni ta' prodotti agrikoli — Diversi programmi u azzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni taħt ġestjoni diretta</i>	
Partita tal-Baġit: 08.020303	
Deskrizzjoni	
Promozzjoni tal-programmi (diversi), missjonijiet ta' livell għoli, assistenza teknika u esperti	
Total tal-appropriazzjonijiet ivvutati impenjati	77 773 000.00
Total tad-dħul assenjat impenjat (krediti C5)	3,066,568.32
Total imballas	55 922 342.57

2.2. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI, European Union Recovery Instrument)

L-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116⁶ jiddikjara li wara d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha li tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Istat Membru ammont inizjali ta' prefinanzjament għad-durata kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi wkoll pagamenti interim li jridu jsiru għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK sabiex tirrimborża n-nefqa li l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jkunu għamlu huma u jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

B'referenza għat-tlestija tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali approvati skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Artikolu 34 tar-Regolament imsemmi jiddikjara li t-total konġunt ta' prefinanzjament u ta' pagamenti interim ma għandux ikun aktar minn 95 % tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal kull programm tal-iżvilupp rurali. Soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tiegħu kont tat-tnaqqis jew is-sospensjonijiet applikati taħt l-Artikolu 41, tagħmel pagamenti interim biex tirrimborża l-infiq magħmul minn aġenziji tal-pagamenti akkreditati fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, wara li tirċievi l-aħħar rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi, abbażi tal-pjan finanzjarju fis-seħħ, tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni għall-programm ta' żvilupp rurali rilevanti u tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni korrispondenti.

⁶ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

2.2.1. Pagamenti

Il-Kummissjoni tipproċedi b'rimborż għal kull dikjarazzjoni tan-nefqa trimestrali tas-sena finanzjarja.

Għal dettalji, ara l-anness 7.

2.2.2. Tnaqqis fil-pagamenti

Fl-2024, sar tnaqqis għal ammont nett ta' EUR 285,2 miljun għall-pagamenti li saru lill-Istati Membri abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa trimestrali tal-2024. Għall-miżuri ffinanzjati mill-FAEŻR, il-limiti massimi finanzjarji huma ddeterminati f'konformità mal-leġiżlazzjoni. Nefqa li taqbeż dawn il-limiti massimi titqies bħala “nefqa mhux eliġibbli” u twassal għal tnaqqis fil-pagamenti.

2.2.3. Nefqa taħt il-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tagħmel pagamenti taħt il-ġestjoni diretta għal ċerti miżuri u azzjonijiet, prinċipalment relatati mal-assistenza teknika operazzjonali. Għal dettalji, ara t-tabelli 4 u 5. Id-dettalji dwar l-appropriazzjonijiet ivvutati implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni matul is-sena finanzjarja 2024 għan-nefqa operazzjonali huma ppreżentati fl-annessi 5 u 6.

Tabella 4 (*f'EUR; prezzijiet kurrenti*)

<i>Assistenza teknika FAEŻR</i>	
<i>Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn</i>	
Partita tal-Baġit: 08.030200	(f'EUR)
Deskrizzjoni	
Attivitajiet ta' Networking b'Appoġġ għall-Politika Agrikola Komuni (PAK)	
Teknoloġija tal-Infurmazzjoni	
Pjattaforma ta' Konsulenza Teknika għall-Istrumenti Finanzjarji	
Komunikazzjoni Korporattiva	
Studji u evalwazzjonijiet	
Awditi u Kontrolli	
Network Ewropew tal-Evalwazzjoni	
Bażi tad-data dwar l-agrikoltura organika	
Total impenjat	27 989 102.58
Total imħallas	21 483 103.23

Tabella 5 (*EUR; prezzijiet kurrenti*)

<i>Assistenza teknika EURI</i> <i>Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn</i>	
Partita tal-Baġit: 08.030300	<i>(EUR)</i>
Deskrizzjoni	
Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE	
Teknoloġija tal-Informazzjoni	
Total impenjat	-
Total imballas	926 542.00

3. UŻU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG U TAL-FAEŻR

3.1. Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

L-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-FAEG kienet tammonta għal EUR 40 810,0 miljun. Din in-nefqa kienet iffinanzjata mill-appropriazzjonijiet inizjali tal-baġit u bl-użu tad-dħul assenjat lill-FAEG. Mid-dħul ta' EUR 568,8 miljun assenjat għall-FAEG, miġbur fl-2024 (li minnhom EUR 555,8 miljun minn ġestjoni kondiviża), EUR 1,9 miljun intużaw biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament.

Fil-kapitolu 08 01, l-impenji tal-FAEG għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv skont l-Artikolu 08 01 01, ammontaw għal EUR 4,3 miljun.

Fil-kapitolu 08 02, in-nefqa globali tal-FAEG għal interventi relatati mas-suq, skont il-pjanijiet tal-PAK (l-Artikolu 08 02 02 tal-baġit) u barra mill-pjanijiet tal-PAK (l-Artikolu 08 02 03 tal-baġit) ammontat għal EUR 2 739,5 miljun. Barra minn hekk, intefqu EUR 3 miljun fi dħul assenjat għall-promozzjoni permezz ta' diversi programmi⁷.

Il-pagamenti diretti fis-sena finanzjarja 2024 ġew implimentati skont il-pjanijiet tal-PAK (l-Artikolu 08 02 04 tal-baġit) f'konformità mar-regoli previsti fir-Regolament (UE) 2021/2115, u barra mill-pjanijiet tal-PAK (l-Artikolu 08 02 05 tal-baġit), f'konformità mar-regoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013⁸. In-nefqa relatata ammontat għal EUR 37 427,3 miljun.

Barra minn hekk, intużaw EUR 465,5 miljun mir-riżerva għall-agrikoltura biex jiġu ffinanzjati diversi miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ.

Fl-aħħar nett, ġew impenjati EUR 169,6 miljun taħt l-Artikoli 08 02 06 – Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar (li minnhom EUR 146,6 miljun għal assistenza teknika) u EUR 0,7 miljun taħt l-Artikolu 08 02 99 – Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti.

Is-sottoeżekuzzjoni għall-FAEG kien ta' EUR 566,9 miljun f'appropriazzjonijiet tad-dħul assenjat, li ġew riportati għas-sena 2025. Barra minn hekk, l-appropriazzjonijiet mhux użati mir-riżerva għall-agrikoltura ammontaw għal EUR 366,5 miljun. L-ammont sħiħ ġie riportat għar-riżerva għall-agrikoltura tal-2025, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament 2021/2116, parzjalment biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li jifdal relatata mal-miżuri eċċezzjonali tal-2024.

Għal dettalji tal-implimentazzjoni tal-baġit skont il-qasam ta' politika kif ukoll dwar l-użu tad-dħul assenjat jekk jogħġbok ikkonsulta l-anness 8, l-anness 9, l-anness 10, l-anness 11 u l-anness 12.

⁷ In-nefqa totali għall-promozzjoni ta' diversi programmi (ġestjoni diretta) ammontat għal EUR 80,8 miljun.

⁸ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

3.2. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)


L-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-FAEŻR ammontat għal EUR 13 155,9 miljun (anness 13). Dan l-impenn kien iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet inizjali tal-baġit ivvutat u bl-użu tad-dħul assenjat intern tal-FAEŻR.



Fil-kapitolu 08 01, l-ammont impenjat tal-FAEŻR kien ta' EUR 2,2 miljun għall-appoġġ amministrattiv għall-programm.


Fil-kapitolu 08 03, minbarra l-ammont impenjat relatat mal-implimentazzjoni tat-tipi ta' intervent taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (EUR 13 125,5 miljun) kien hemm:

- Ammont impenjat ta' EUR 28,0 miljun għall-assistenza teknika operazzjonali
- Ammont impenjat ta' EUR 0,2 miljun għal operazzjonijiet ta' ħlas lura għal Programmi ta' Żvilupp Rurali fil-perjodi preċedenti (qabel l-2023).

Ir-rata ta' assorbiment tal-FAEŻR 2014-2022 u tal-FAEŻR 2023-2027 skont l-Istat Membru (Graffs 1a-d):







Għal dettalji tal-implimentazzjoni tal-baġit skont l-Istat Membru u skont il-qasam ta' politika kif ukoll dwar l-użu tad-dħul assenjat, jekk jogħġbok ikkonsulta l-annessi 14 sa 17.

4. MIŻURI TA' KONTROLL

4.1. Introduzzjoni

F'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE u bħal fis-snin preċedenti, in-nefqa agrikola għall-2024 kienet sottomessa għal sistema komprensiva ta' miżuri ta' kontroll.

Il-kontrolli jitwettqu mill-aġenziji tal-pagamenti jew minn korpi delegati li joperaw taħt is-superviżjoni tagħhom u jiġu imposti sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati jekk il-kontrolli jiżvelaw nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE. Barra minn hekk, għall-biċċa l-kbira tar-reġimi li ma humiex soġġetti għas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll, minbarra l-livelli ta' kontroll primarju u sekondarju, iridu jitwettqu kontrolli *ex post*.

4.2. Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIK)

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014⁹ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014¹⁰ kif ukoll ir-Regolament (UE) 2021/2116, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)

⁹ ĠU L 181, 20.6.2014, p. 48.

¹⁰ ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69.

2022/1172¹¹ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173¹² fihom ir-regoli dwar is-SIAK.

Ir-Rapport Annwali tal-Attività¹³ (RAA) tad-DĠ AGRI għall-2024 fih informazzjoni dettaljata dwar in-nefqa koperta mis-SIAK fl-Anness 7, il-Parti 2, A.2.3.a) (il-paġni 144-148). Il-komponenti rilevanti tas-SIAK huma applikabbli wkoll għall-miżuri ta' żvilupp rurali li huma bbażati fuq l-erja jew l-għadd ta' annimali. Miżuri bħal dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-miżuri agroambjentali u tat-trattament xieraq tal-annimali, iż-żoni żvantaġġati u ż-żoni b'restrizzjonijiet ambjentali, u t-tisgħir tal-art agrikola.

4.3. Applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u tal-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2021/2116 (skrutinju tat-tranżazzjonijiet)

Fl-2024, kien japplika l-iskrutinju tas-sistema ta' kontroll tat-tranżazzjonijiet previst fil-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fil-Kapitolu III tat-Titolu IV, tar-Regolament (UE) 2021/2116. Dan kien jinkludi sistema ta' kontroll *ex post* li tikkomplementa s-sistemi ta' kontroll settorjali deskritti hawn fuq.

Fl-2024, is-servizzi ta' skrutinju tal-Istati Membri temmew kontrolli fir-rigward ta' operazzjonijiet li għalihom saru pagamenti fis-sena finanzjarja 2022. Ir-rapporti annwali fir-rigward tal-perjodu ta' skrutinju rispettiv (Lulju 2023 – Ġunju 2024) juru li l-Istati Membri kienu temmew 89 % tal-iskrutinju ppjanat fi tmiem il-perjodu ta' rapportar tal-iskrutinju. Ir-rata ta' irregolaritajiet minn dawk l-iskrutinji mitmuma hija ta' 1,1 %.

5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

5.1. Approvazzjoni tal-konformità

Hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li t-tranżazzjonijiet jitwettqu u jiġu eżegwiti b'mod korrett permezz ta' sistema ta' kontroll u sanzjonijiet dissważivi. Meta l-Istati Membri jonqsu milli jissodisfaw dan ir-rekwiżit, il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet finanzjarji biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE.

L-approvazzjoni tal-konformità skont il-PAK applikabbli fis-sena finanzjarja 2024 hija relatata mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Hija mfassla biex teskludi n-nefqa mill-finanzjament tal-UE li ma tkunx saret f'konformità mar-regoli tal-UE.

Id-dettalji dwar l-awditi mwettqa fl-2024 jistgħu jinstabu fir-RAA, it-tabella 2.1.2a).1-2 (il-paġna 37).

¹¹ ĠU L 183, 8.7.2022, p. 12.

¹² ĠU L 183, 8.7.2022, p. 23.

¹³ Ir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI jinsabu fuq:

https://commission.europa.eu/publications/annual-activity-report-2024-agriculture-and-rural-development_en

Id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità adottati fl-2024, inklużi l-korrezzjonijiet finanzjarji f'għadd ta' setturi, huma elenkati fir-RAA, it-tabella, l-Anness 7 — il-Parti 3 A.b.1)-1 (il-paġna 176).

Id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità li ġejjin kellhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-2024:

- Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2494 tal-15 ta' Novembru 2023 – id-deċiżjoni *ad hoc* 72, tal-Istati Membri b'ammont nett deċiż ta' EUR 89,6 miljun favur il-FAEG u EUR 50.6 miljun favur il-FAEŻR.
- Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2492 tal-15 ta' Novembru 2023 – id-deċiżjoni *ad hoc* 72 tar-Renju Unit, b'ammont nett deċiż ta' EUR 0,9 miljun favur il-FAEŻR.
- Id-Deċiżjoni (UE) UE 2024/1690 tat-12 ta' Ġunju 2024 – id-deċiżjoni *ad hoc* 73, b'ammont nett deċiż ta' EUR 130,5 miljun favur il-FAEG u EUR 78,8 favur il-FAEŻR.

Wara li tqiesu l-eżekuzzjoni ta' għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea favur l-Istati Membri u r-rilaxx tas-sospensjonijiet tal-pagamenti, l-impatt finanzjarju ġenerali ta' daww id-deċiżjonijiet għall-fondi kien ta' EUR 220,1 miljun favur il-FAEG u EUR 115,9 miljun favur il-FAEŻR.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji fid-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità sal-2024 huma spjegati fid-dettall fl-Anness 18.

Għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2494 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1690, minħabba d-daqs relattiv tal-korrezzjonijiet meta mqabbel mal-prodott domestiku gross ta' ċerti Stati Membri, fuq talbiet tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-korrezzjonijiet li ġejjin jistgħu jitħallsu fi tliet pagamenti annwali ndaqs.

Tabella 6 (*f' miljuni ta' EUR; prezzijiet kurrenti*)

Numru tad-deċiżjoni	Stat Membru	Ammont li għandu jitħallas f'diversi pagamenti	
		FAEG	FAEŻR
72	Il-Bulgarija	2,8	18,0
73	Il-Bulgarija	17,8	1,7
73	Ir-Rumanija	10,6	30,7
73	Is-Slovakkja	0,0	14,5

Fil-15 ta' Frar 2024, l-Istati Membri rrapportaw l-informazzjoni mill-ammonti pendenti li għandhom jiġu rkuprati fi tmiem is-sena finanzjarja 2023. Dawn jammontaw għal EUR 410,4 miljun għall-FAEG, il-FAEŻR, u l-Istrument Temporanju tal-Iżvilupp Rurali

(STŻR), u huma ppreżentati fir-RAA, it-tabella, l-Anness 7 – il-Parti 3 A.B.2)-1 (il-paġna 179).

L-ammont pendenti li kien għad irid jiġi rkuprat mill-benefiċjarji fi tmiem is-sena finanzjarja 2024 kien ta' EUR 2 014 miljun għall-fondi kollha. Il-konsegwenzi finanzjarji għall-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' rkupru tal-każijiet tal-FAEG, tal-FAEŻR u tat-TRDI fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru (għal każijiet godda¹⁴) jew tas-sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja – PACA – (għal każijiet antiki), jew fi żmien 8 snin fejn l-azzjoni ta' rkupru tittieħed quddiem il-qorti nazzjonali, kienu jammontaw għal EUR 31,1 miljun. Matul is-sena finanzjarja 2024, madwar EUR 11,6 miljun iġġarrbu 100 % mill-baġit tal-UE¹⁵ għall-FAEG, għall-FAEŻR u għat-TRDI.

5.2. Approvazzjoni finanzjarja

Ħarsa ġenerali lejn id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni finanzjarja adottati fl-2024 tista' tinstab fit-tabella 7.

Tabella 7 (*f' miljuni ta' EUR; prezzijiet kurrenti*)

Fond	Numru tad-Deċiżjoni	Data tal-Adozzjoni	Sena Finanzjarja	Nefqa ddikjarata approvata	AP ikkonċernata
FAEG	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1458	24.5.2024	2023	40 774,46	L-AP tal-SM kollha
FAEG	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/2849	11.11.2024	2023	-1,49	4 AP tar-Renju Unit
FAEŻR 2014-2022	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1431	24.5.2024	2023	15 780, 10	L-AP tal-SM kollha
FAEŻR 2023-2027	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1433	24.5.2024	2023	-10 845,47	L-AP tal-SM KOLLHA
FAEŻR	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/2851	11.11.2024	2023	278,90	4 AP tar-Renju Unit

¹⁴ Każijiet ta' irregolaritajiet li għalihom is-sejba primarja amministrattiva jew ġuridika (PACA, premier acte de constat administratif ou judiciaire) ma ġietx stabbilita qabel is-16 ta' Ottubru 2014. F'każ li l-PACA tkun ġiet stabbilita qabel dik id-data, il-każijiet għandhom jiġu kklassifikati bħala "każijiet antiki"

¹⁵ Il-każijiet iddikjarati li ma jistgħux jiġu rkuprati skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 1306/2013.

5.3. Appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra d-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni

Fl-Anness 19 hemm sommarju tal-kawżi ppreżentati lill-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

6. RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENT U MAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

6.1. Relazzjonijiet mal-Parlament

Il-Parlament Ewropew (PE) huwa, flimkien mal-Kunsill, parti mill-Awtorità Baġitarja tal-UE. Għalhekk, huwa fost l-aktar sħab importanti tal-Kummissjoni għad-diskussjoni dwar kwistjonijiet baġitarji u, għaldaqstant, dwar il-FAEG u l-FAEŻR.

Tliet kumitati tal-PE huma involuti fid-diskussjonijiet u fit-tħejjija għall-plenarja dwar kwistjonijiet tal-baġit agrikolu. Dawn huma l-Kumitat għall-Agrikoltura u Żvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

Mill-2014, il-Kumitat għall-Agrikoltura u Żvilupp Rurali beda jipprovdi opinjoni dwar il-proċedura ta' kwittanza lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) jikkontrolla l-implimentazzjoni korretta tal-baġit u jabbozza r-rapport li jipproponi lill-Parlament jagħti l-kwittanza u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri.

Il-Parlament Ewropew ta l-kwittanza lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, b'votazzjoni f'seduta plenarja dwar Deċiżjoni Parlamentari, li saret fis-7 ta' Mejju 2025.

6.2. Relazzjonijiet mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija l-awditur indipendenti estern tal-Unjoni Ewropea. Fir-RAA, il-punt 2.2 (il-paġna 52) huwa mogħti sommarju tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet tal-QEA għas-sena finanzjarja 2023.